MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Referenza Kostituzzjonali Numru. 42/2011

Fl-Atti tar-Riferenza tas-27 ta' Ġunju, 2011, mill-Qorti Kriminali fl-Atti tal-Att tal-Akkuża numru 5/09 fl-ismijiet:

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

vs

Matthew-John **MIGNECO**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Riferenza magħmula mill-Qorti Kriminali fis-27 ta' Ġunju, 2011[1] (presjeduta mill-Onorevoli Mħallef Dottor Lawrence Quintano)(aktar 'il quddiem imsejħa "l-Qorti Riferenti") li, permezz tagħha u fuq talba magħmula mill-avukat difensur tal-akkużat Matthew-John Migneco b'rikors imressaq fit-22 ta' Ġunju, 2011[2], talbet li din il-Qorti tqis "*dwar jekk l-istqarrijiet tiegħu esebiti fl-atti tal-proċeduri 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Matthew-John Migneco' meħuda mingħajr ma kien assistit minn avukat humiex lesivi tad-drittijiet tiegħu kif sanċiti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem wara li kkonsidrati wkoll is-sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali*";

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Lulju, 2011, li bih appuntat ir-Riferenza għas-smigħ tal-14 ta' Lulju, 2011, u ordnat li ssir in-notifika wkoll lill-Avukat Ġenerali;

Rat ir-Risposta mressqa mill-Avukat Ġenerali fl-14 ta' Lulju, 2011[3], li biha qal li ma jeżisti l-ebda jedd fundamentali li wieħed ikun mgħejjun minn avukat fi stadju bikri tal-proċedura kriminali, iżda biss dritt li wieħed ikollu smigħ xieraq.  F'kull każ, qal li meta l-Qorti Ewropeja sabet ksur ta' dritt bħal dan, ikkwalifikat il-fehma tagħha billi qieset li persuna ma jkollhiex smigħ xieraq meta dan jiġri waqt il-proċess kriminali, u ma hemm l-ebda ksur awtomatiku jekk kemm-il darba persuna ma tkunx mgħejjuna minn avukat meta tagħti l-istqarrija tagħha. Żied jgħid li biex jitqies jekk persuna ngħatatx smigħ xieraq irid jitqies il-proċess kollu u mhux episodji minnu maqtugħin għalihom, u episodju wieħed ma jmissux jitħalla jġib fix-xejn il-proċess kollu.  Imbagħad għadda biex fisser għaliex, skond il-fehma tiegħu, l-każijiet maqtugħa mill-Qorti Ewropeja ma kinux jgħoddu għall-każ tal-akkużat.  Għalhekk stieden lil din il-Qorti biex twieġeb għar-riferenza li saritilha billi tgħid li ma kien hemm l-ebda ksur ta' dritt fundamentali fil-konfront tal-akkużat meta għamel l-istqarrijiet li jinsabu fl-atti;

[1] Paġġ. 76 – 80 tal-atti tar-Riferenza
[2] Paġġ. 67 – 8 tal-atti tar-Riferenza
[3] Paġġ. 639 – 642 tal-atti tar-Riferenza

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati difensuri waqt is-smigħ tal-14 ta' Lulju, 2011[4], li biha qablu li, għal dak li jirrigwarda provi, joqogħdu fuq l-atti li ntbagħtu lil din il-Qorti mill-Qorti Riferenti;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-28 ta' Lulju, 2011, li bih id-difensur tal-akkużat irrefera għar-rikors imressaq minnu quddiem il-Qorti Riferenti f'Ġunju, 2011, meta qajjem il-kwestjoni kostituzzjonali u iddikjara li ma kellux provi x'iressaq;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Lulju, 2011[5], li bih tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-akkużat Migneco fit-23 ta' Awissu, 2011[6];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-Avukat Ġenerali fit-30 ta' Settembru, 2011[7], bi tweġiba għal dik tal-akkużat;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Riferenza u kif ukoll tal-proċess tal-kawża kriminali numru 5/09 li minnu ħarġet ir-Riferenza;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Ottubru, 2011, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din ir-Riferenza saret lil din il-Qorti għaliex l-akkużat Migneco jgħid li ġarrab ksur tal-jedd fundamentali tiegħu

---
[4] Paġ. 643 tal-atti tar-Riferenza
[5] Paġ. 642 tal-atti tar-Riferenza
[6] Paġġ. 649 – 651 tal-atti tar-Riferenza
[7] Paġġ. 652 – 7 tal-atti tar-Riferenza

għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Konvenzjoni”) bil-fatt li stqarrijiet li huwa għamel lil Pulizija u wkoll lill-Maġistrat Inkwirenti bla ma kien mgħejjun minn avukat, tqiegħdu fl-atti tal-Att tal-Akkuża u jistgħu jintużaw mill-Prosekuzzjoni waqt is-smigħ tal-każ tiegħu quddiem il-Qorti Riferenti. Jisħaq li, fiż-żmien li huwa għamel l-imsemmija stqarrijiet, il-liġi kienet għadha ma tipprovdix għall-jedd li persuna tkun mgħejjuna minn avukat meta tintalab tagħti stqarrija. Il-Qorti Riferenti talbet lil din il-Qorti tistħarreġ il-‘kwestjoni kostituzzjonali’, fit-termini msemmija fid-degriet studjat tagħha;

Illi l-Prosekuzzjoni, u b’mod partikolari l-Avukat Ġenerali, jisħqu li r-Riferenza għandha ssib li l-akkużat ma ġarrab l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu u dan għaliex ma jeżisti l-ebda jedd fundamentali li wieħed ikun mgħejjun minn avukat fi stadju bikri tal-proċedura kriminali, iżda biss dritt li wieħed ikollu smigħ xieraq. F’kull każ, qal li meta l-Qorti Ewropeja sabet ksur ta’ dritt bħal dan, ikkwalifikat il-fehma tagħha billi qieset li persuna ma jkollhiex smigħ xieraq meta dan jiġri waqt il-proċess kriminali, u ma hemm l-ebda ksur awtomatiku jekk kemm-il darba persuna ma tkunx mgħejjuna minn avukat meta tagħti l-istqarrija tagħha. Żied jgħid li biex jitqies jekk persuna ngħatatx smigħ xieraq irid jitqies il-proċess kollu u mhux episodji minnu maqtugħin għalihom, u episodju wieħed ma jmissux jitħalla jġib fix-xejn il-proċess kollu. Imbagħad għadda biex fisser għaliex, skond il-fehma tiegħu, l-każijiet maqtugħa mill-Qorti Ewropeja ma kinux jgħoddu għall-każ tal-akkużat. Għalhekk stieden lil din il-Qorti biex twieġeb għar-riferenza li saritilha billi tgħid li ma kien hemm l-ebda ksur ta’ dritt fundamentali fil-konfront tal-akkużat meta għamel l-istqarrijiet li jinsabu fl-atti;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tar-Riferenza jirriżulta li fis-27 ta’ Lulju, 2004, fuq tagħrif li ngħatalha l-Pulizija żammet żewġt irġiel fin-Nadur, f’Għawdex wara li kien hemm suspetti li kienu qegħdin jikkonsenjaw droga lil xi ħadd li jgħix hemm. Fost il-persuni miżmuma b’arrest kien hemm

l-akkużat Matthew-John Migneco (aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-akkużat"). Fit-28 ta' Lulju, 2004, wara nofsinhar l-akkużat għamel stqarrija lill-Pulizija u għażel li jiffirmaha[8]. L-isqarrija damet issir madwar siegħa u nofs. Fuq rikors imressaq mill-Kummissarju tal-Pulizija wara rapport magħmul mill-Ispettur Nadya Lanzon, li mexxiet l-investigazzjonijiet, dak inhar fil-għaxija l-Maġistrat Inkwirenti laqa' t-talba u ordna li l-akkużat jixhed quddiemu. L-akkużat xehed quddiem il-Maġistrat Inkwirenti dwar l-istqarrija li huwa kien ta lill-Pulizija aktar kmieni dak inhar[9]. Dak il-ħin ma kienx mgħejjun minn avukat. L-għada filgħodu, l-akkużat għamel stqarrija oħra lill-Pulizija, li wkoll għażel li jiffirma, u li damet madwar siegħa[10]. M'huwiex kontestat li meta l-akkużat għamel dawn iż-żewġ stqarrijiet, ma kienx kellem avukat u lanqas kien mgħejjun minn avukat;

Illi fid-29 ta' Lulju, 2004, huwa tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja mixli b'pussess u assoċjazzjoni ma' ħaddieħor fit-traffikar ta' droga[11]. Tul dak is-smigħ, sarlu l-eżami skond l-artikoli 390(1) u 392 tal-Kodiċi Kriminali, wieġeb li ma kienx jaħti għall-akkużi miġjuba kontrih[12], u ngħata l-liberta' provviżorja taħt il-kundizzjonijiet imfissra f'degriet[13]. Għal dik il-preżentata l-akkużat kien mgħejjun minn żewġ avukati. Dak inhar, il-Prosekuzzjoni esebiet it-tieni stqarrija li għamel l-akkużat dak inhar stess qabel tressaq il-Qorti b'arrest. Xehed ukoll l-akkużat[14];

Illi waqt smigħ miżmum mill-Qorti Istruttorja fid-9 ta' Awissu, 2004, il-Prosekuzzjoni ressqet il-provi tagħha, magħduda magħhom iż-żewġ stqarrijiet li l-akkużat kien għamel fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija qabel tressaq b'arrest. F'dak is-smigħ, l-akkużat kien mgħejjun minn avukat, li wkoll għamel il-kontro-eżami tax-xhud imressqa mill-Prosekuzzjoni. F'għeluq dak is-smigħ, il-Qorti tat degriet li bih sabet li kien hemm raġunijiet biżżejjed biex l-

[8] Paġġ. 136 – 140 tal-atti tar-Riferenza
[9] Paġġ. 216 – 7 tal-atti tar-Riferenza
[10] Paġġ. 141 – 2 tal-atti tar-Riferenza
[11] Paġġ. 83 – 4 tal-atti tar-Riferenza
[12] Paġ. 94 tal-atti tar-Riferenza
[13] Paġ. 87 tal-atti tar-Riferenza
[14] Paġġ. 177 – 8 tal-atti tar-Riferenza

imputat jitqiegħed taħt Att ta' Akkuża u bagħtet l-atti tal-Kumpilazzjoni għand l-Avukat Ġenerali[15];

Illi wara r-rinviji mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, il-Qorti Istruttorja semgħet provi oħra li ntalbet tressaq il-Prosekuzzjoni fis-smigħ tat-30 ta' Settembru, 2004, fil-25 ta' Novembru, 2004, fl-20 ta' Jannar, 2005, fl-10 ta' Marzu, 2005, fit-28 ta' April, 2005, fit-23 ta' Ġunju, 2005, fit-23 ta' Awissu, 2005 (ma deher ħadd), fl-20 ta' Ottubru, 2005 (ma deherx l-akkużat imma deher avukat għalih), fil-15 ta' Diċembru, 2005, fid-9 ta' Frar, 2006, fit-30 ta' Marzu, 2006, fil-25 ta' Mejju, 2006 (ma sar xejn għax l-avukat difensur ma kienx jiflaħ), fit-13 ta' Lulju, 2006, fil-5 ta' Settembru, 2006, fit-2 ta' Novembru, 2006, fl-14 ta' Diċembru, 2006, fit-18 ta' Jannar, 2007, fit-22 ta' Frar, 2007, fid-29 ta' Marzu, 2007 (ma deher ħadd), fid-19 ta' April, 2007 (reġa' ma deher ħadd), fil-31 ta' Mejju, 2007 (ma sar xejn), fl-14 ta' Ġunju, 2007 (ma sar xejn), fis-26 ta' Lulju, 2007 (ma deherx l-akkużat), fis-6 ta' Settembru, 2007, fit-18 ta' Ottubru, 2007 (ma deherx l-akkużat), fit-8 ta' Novembru, 2007 (ma sar xejn), fl-20 ta' Diċembru, 2007 (reġa' ma deher ħadd), fl-24 ta' Jannar, 2008 (ma deher ħadd), fl-14 ta' Frar, 2008 (l-akkużat ma deherx), fis-27 ta' Marzu, 2008 (ma deherx l-akkużat, imma deher għalih l-avukat tiegħu), fis-17 ta' April, 2008 (ma deher ħadd u l-Qorti Inkwirenti tat degriet b'komunika lill-Kunnissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja), fid-29 ta' Mejju, 2008, fid-19 ta' Ġunju, 2008 (ma sar xejn), fil-31 ta' Lulju, 2008 (ma deherx l-akkużat, imma deher għalih l-avukat tiegħu), fil-25 ta' Settembru, 2008 (ma sar xejn), fis-6 ta' Novembru, 2008 (reġa' ma sar xejn), fis-27 ta' Novembru, 2008 (l-akkużat ma deherx, imma deher l-avukat tiegħu għalih), fit-8 ta' Jannar, 2009, u fid-29 ta' Jannar, 2009 (meta l-Prosekuzzjoni iddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq). F'kull darba li sar smigħ waqt il-kumpilazzjoni, l-akkużat deher u/jew kien mgħejjun minn avukat, li f'xi wħud mill-okkażjonijiet, għamel ukoll il-kontro-eżami;

---

[15] Paġ. 145 tal-atti tar-Riferenza

Illi fid-9 ta' Marzu, 2009[16], l-Avukat Ġenerali ħareġ l-Att tal-Akkuża kontra l-akkużat, li laqa' n-notifika tiegħu fit-23 ta' Marzu, 2009[17], u ressaq in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tiegħu fl-14 ta' April, 2009[18]. B'degriet tat-18 ta' Jannar, 2010[19], il-Qorti Riferenti (diversament presjeduta) qiegħdet il-kawża għas-smigħ dwar l-eċċezzjonijiet preliminari mqanqlin mill-akkużat, li semgħet it-trattazzjoni fid-29 ta' Jannar, 2010. Fit-8 ta' April, 2010, il-Qorti Riferenti (diversament presjeduta) tat is-sentenza dwar dawk l-eċċezzjonijiet preliminari li l-akkużat ma kienx irrinunzja għalihom sa dak inhar[20], u ordnat bidliet fl-Att tal-Akkuża. Għalkemm l-Avukat Ġenerali kien iddikjara b'Nota[21] li xtaq jappella minn dik is-sentenza, ma jidhirx li fil-fatt sar appell minnha quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali;

Illi b'degriet tagħha tat-8 ta' Ġunju, 2011[22], il-Qorti Riferenti ordnat li s-smigħ tal-Ġuri fuq l-Att tal-Akkuża kontra l-akkużat jibda fl-4 ta' Lulju, 2011. Fit-22 ta' Ġunju, 2011[23], l-akkużat ressaq ir-rikors li bih talab li l-Qorti Riferenti tistħarreġ jekk kellhiex tirreferi l-kwestjoni kostituzzjonali mertu ta' din is-sentenza. Id-degriet relattiv tal-Qorti Riferenti ngħata fis-27 ta' Ġunju, 2011, wara smigħ li sar quddiemha fl-24 ta' Ġunju, 2011;

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt marbutin mar-riferenza din il-Qorti ttenni li hija marbuta li tqis il-kwestjoni "kostituzzjonali" skond il-parametri tar-riferenza magħmula lilha. Billi l-kwestjoni tkun inqalgħet quddiem Qorti li mhix il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali, u billi l-proċediment ma jkunx tressaq quddiem din il-Qorti direttament minn min jallega l-ksur tal-jedd fondamentali partikolari, din il-Qorti jkollha tqis fedelment il-kwestjoni fil-mod u t-termini mgħoddijin lilha mill-Qorti li tkun għamlet ir-riferenza[24], u jekk tonqos li tagħmel dan jew titbiegħed

[16] Paġġ. 1 – 7 tal-atti tar-Riferenza
[17] Paġ. 10 tal-atti tar-Riferenza
[18] Paġġ. 11 – 3 tal-atti tar-Riferenza
[19] Paġ. 15 tal-atti tar-Riferenza
[20] Paġġ. 22 – 5 tal-atti tar-Riferenza
[21] Paġ. 26 tal-atti tar-Riferenza
[22] Paġ. 61 tal-atti tar-Riferenza
[23] Paġġ. 67 – 8 tal-proċess
[24] Kost. **31.7.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Bedingfield vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.232**) a fol. 243

milli tqis dak lilha riferut, tkun qegħda tiddeċiedi *extra petita*[25];

Illi huwa minħabba f'hekk li huwa mixtieq li riferenza kostituzzjonali ta' Qorti lil din il-Qorti għandha tkun magħmula b'mod li l-ordni tar-riferenza jkun fih b'mod konċiż u ċar il-fatti li jagħtu lok għall-kwestjoni[26]. Dan huwa mixtieq biex il-Qorti kostituzzjonali riferuta jkollha parametri ċari u preċiżi li fuqhom tagħmel l-istħarriġ tagħha tal-kwestjoni mqanqla u mibgħuta lilha mill-Qorti Riferenti. Imma l-liġi ma tgħidx li r-riferenza ma tkunx tgħodd jekk kemm-il darba d-degriet jew ordni tar-riferenza ma jkunx motivat jew ma jkunx f'forma partikolari. Lanqas ma tgħid li l-Qorti Riferenti trid tiddikjara li l-kwestjoni mqanqla m'hijiex frivola jew vessatorja. Huwa minnu li dan il-kriterju ta' frivolezza u vessatorjeta' huwa element indispensabbli biex kwestjoni mqanqla tiġi mgħoddija lil din il-Qorti fil-funzjoni kostituzzjonali tagħha[27], imma din il-Qorti tifhem li ladarba Qorti tkun għamlet ordni bħal dak, tkun fl-istess waqt qieset li l-kwestjoni mqanqla la kienet waħda fiergħa u lanqas waħda vessatorja;

Illi dan ma jfissirx li, ladarba Qorti Riferenti ma tkunx qieset kwestjoni kostituzzjonali mqanqla bħala waħda fiergħa u biex iddejjaq, dan se' jorbot idejn din il-Qorti milli, wara li tistħarreġ sewwa l-ilment, issib li l-kwestjoni kienet fil-fatt hekk[28]. Iżda kulma qiegħed jingħad huwa li ordni ta' riferenza jkun dejjem jimplika li l-Qorti riferenti ma qisitx il-kwestjoni mqanqla bħala waħda fiergħa u biex iddejjaq. Fil-każ tar-riferenza li din il-Qorti għandha quddiemha, jidher li l-Qorti Riferenti speċifikatament qalet li l-kwestjoni mqanqla mill-akkużat ma kinitx waħda fiergħa. Minkejja wkoll li l-istess Qorti Riferenti wriet li hija tagħraf sewwa l-aħħar aġġornamenti ġurisprudenzjali tal-Qrati Maltin u wkoll barranin dwar l-aspetti ta' tħaddim ta' dritt fundamentali dwar ir-rilaxx ta' stqarrijiet lill-Pulizija minn persuna li ma tkunx kisbet l-għajnuna professjonali ta'

---

[25] Kost. **30.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea et vs Briffa et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.540**) a fol. 554-5.
[26] P.A. Kost. **2.12.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***Spett. P. Sammut et vs Edwin Bartolo et*** (Kollez. Vol: **LXXI.iii.727**)
[27] Kost. **23.11.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud et vs L-Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.227**)
[28] Kost. **30.5.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Michael Paċe et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.116**)

avukat, dehrilha li kellha tagħmel din ir-riferenza bil-għan li "trid tispira fiduċja ta' imparzjalita' kemm oġġettiva kif ukoll soġġettiva" tagħha fil-każ u wkoll għaliex dehrilha li "mhux bilfors li wieħed għandu jistenna t-tmiem tal-proċeduri biex iqajjem lanjanza dwar allegat ksur tad-drittijiet tal-Bniedem"[29];

Illi huwa magħruf li, ladarba tkun saret riferenza lil din il-Qorti, l-'kwestjoni' ma tibqax aktar tal-parti li tkun qajmitha, iżda ssir tal-Qorti riferenti. Dan ifisser li "*l-'kwestjoni' trid tkun, f'għajnejn il-qorti li quddiemha titqanqal, verament ta' ostaklu għalbiex dik il-qorti tkun tista' tipproċedi 'l quddiem biex tidderimi l-vertenza bejn il-partijiet. Għalkemm il-kwestjoni tkun tqanqlet mill-parti, bid-deċiżjoni li tirreferiha l-qorti tkun għamlet dik il-kwestjoni tagħha, b'mod għalhekk li l-parti ma tistax in segwitu 'tirtira' l-kwestjoni jew tirtira 'it-talba ... għal riferenza'. Jekk ikun hemm xi ostaklu proċedurali ieħor li minħabba fih il-qorti li quddiemha tkun tqanqlet il-kwestjoni ma tkunx tista' fi kwalunkwe każ tipproċedi oltre, 'il-kwistjoni' ta' indoli kostituzzjonali ma tibqax waħda li tkun tista' tiġi riferuta lill-Prim'Awla, għax id-deċiżjoni tal-Prim'Awla tassumi f'dak il-każ in-natura ta' sempliċi eserċizzju akkademiku u mhux deċiżjoni li tkun tivvinkola lill-qorti li tkun għamlet ir-riferenza fid-determinazzjoni tal-vertenza, determinazzjoni li ma tkun qatt tista' tasal għaliha*"[30];

Illi l-Qorti qiegħda tgħid dan għaliex hija tħoss li fejn, quddiem Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla, titqajjem 'kwestjoni' ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali li bħalha tkun tqajmet qabel, u fejn dik il-'kwesjoni' tkun diġa' tqieset mill-ogħla Qorti kompetenti u tat il-provvedimenti tagħha dwarha, ma jidhirx li jkun hemm għalfejn li Qorti oħra għandha tirreferi l-każ mill-ġdid lil din il-Qorti kull darba li tqum quddiemha kwestjoni bħal dik, sakemm il-'kwestjoni' ma tkunx tqanqal xi punt ġdid. Ikun xieraq li l-Qorti li quddiemha titqanqal il-'kwestjoni' tieħu qies tad-direzzjoni murija mill-Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali dwar 'kwestjoni' bħal dik u timxi ma' dik id-direzzjoni indikata fil-każ li jkollha quddiemha.

[29] Paġġ. 79 – 80 tal-atti tar-Riferenza
[30] Kost. **19.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Bank of Valletta p.l.c. vs Joseph Attard et***

B'daqshekk, ma jfissirx li dik il-Qorti tkun qiegħda tarroga għaliha kompetenza li m'hijiex tagħha, iżda biss li tkun qiegħda tapplika u tħaddem il-liġi fl-għarfien ta' punti li jkunu ġew stabiliti mill-Qorti kompetenti. B'dan il-mod ukoll, jonqos it-tkattir fl-għadd ta' kawżi riferiti, bħalma ġara quddiem il-Qrati Maltin f'dawn l-aħħar żminijiet b'rabta ma' każi li jixbhu lil dan li għandha quddiemha din il-Qorti llum dwar stqarrijiet magħmula lill-Pulizija minn persuni li ma kenux mgħejjuna minn avukat;

Illi fil-każ tal-lum, jidher li r-riferenza kienet tinkludi lment ta' ksur ukoll tal-jedd għal smigħ xieraq kif imħares taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, liema jedd ma kienx invokat fil-kawżi li, mis-sentenzi tagħhom, l-akkużat kien imnebbah biex iressaq ir-rikors tiegħu tat-22 ta' Ġunju, 2011, quddiem il-Qorti Riferenti;

Illi l-Qorti tħoss li għandha tiċċara wkoll li, ladarba l-każ tressaq quddiemha permezz ta' riferenza minn Qorti oħra, ma tistax tagħżel li ma teżerċitax is-setgħa kostituzzjonali tagħha milli tqis l-aspetti kostituzzjonali jew konvenzjonali tar-riferenza. Dan jingħad għaliex ir-riferenza nnifisha torbot lil din il-Qorti li tiddeċidi l-kwestjoni riferuta u ma tapplikax għaliha d-diskrezzjoni li hija miftuħa għal din l-istess Qorti taħt l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni (jew l-artikolu 4(2) tal-Kap 319) meta l-kawża tkun tressqet b'rikors mill-persuna aggravata;

Illi mir-rikors tal-akkużat, jidher li r-riferenza li tressqet quddiem din il-Qorti tinbena kemm fuq l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll fuq l-artiklu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni b'rabta mal-artikolu 6(1) tagħha;

Illi **għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**, għandu jingħad li, fil-partijiet tiegħu rilevanti għal dan il-każ, dak l-artikolu jipprovdi li: "*(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. ... (5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati: Iżda*

*ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari. (6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali - ... (ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi; ... (10) Ebda persuna li tgħaddi proċeduri għal reat kriminali ma għandha tkun obbligata li tixhed fil-proċeduri kontra tagħha*";

Illi l-akkużat baqa' ma fisser fl-ebda waqt matul is-smigħ tal-kawża liema waħda mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu huwa jgħid li nkiser jew hemm il-biżgħa li jinkiser fir-rigward tiegħu minħabba li ta l-istqarrijiet lill-Pulizija ma kien mgħejjun minn avukat. Lanqas ma ressaq xi sottomissjoni f'dan ir-rigward meta saret it-trattazzjoni tal-għeluq tal-kawża;

Illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jagħmilha ċara li l-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas ta' proċeduri kriminali jiddependi minn (a) akkuża li (b) tkun qegħda tinstama' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan l-artikolu ġie mfisser mill-Qrati tagħna bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata. Għalhekk, tqies li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni la jgħoddu dwar proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Inkwirenti[31] u lanqas għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Istruttorja[32];

Illi minħabba li ċ-ċirkostanzi li dwarhom l-akkużat ressaq it-talba tiegħu għar-referenza jirrigwardaw ġrajja li seħħew qabel ma kien inbeda xi proċediment kontra l-akkużat, l-ilment tiegħu jaqa' lil hinn mill-ambitu tal-artikolu 39 tal-

[31] P.A. (Kost.) **17.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Karl Heinrich Muscat vs l-Avukat Ġenerali et***
[32] Kost. **16.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Żarb et vs Ministru tal-Ġustizzja et***

Kostituzzjoni. L-istess jingħad dwar il-fatt li l-proċediment issa jinsab pendenti quddiem il-Qorti Riferenti: f'dan il-każ, jidher li l-istħarriġ dwar jekk l-istqarrijiet jiksrux il-jedd tal-akkużat taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew jekk il-Qorti Riferenti hijiex sejra tħallihom jitressqu bħala prova kontra l-akkużat huwa wieħed qabel waqtu[33];

Illi għalhekk, din il-Qorti ma ssibx li ntwera tajjeb biżżejjed li l-akkużat seħħlu juri li ġarrab ksur taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

Illi **għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni**, fil-partijiet rilevanti tiegħu għal dan il-każ, dan jipprovdi li: "*(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin ... (ċ) li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk*";

Illi normalment, l-imsemmi artikolu jinqara flimkien ma' l-artikolu 6(1) tal-istess Konvenzjoni. Dan jingħad għaliex "*the specific enumeration in the third paragraph for criminal proceedings does not imply that an examination for compatibility with the third paragraph makes an examination for compatibility with the first paragraph superfluous, since the guarantees contained in the third paragraph of Article 6 are constituent elements, inter alia, of the general notion of a fair trial. The enumeration of the third paragraph is not limitative in that respect, and it is therefore possible that, although the guarantees mentioned there have been satisfied, the trial as a whole still does not satisfy the requirements of a fair trial*"[34];

Illi f'dan ir-rigward, għalhekk, jidher ċar li l-applikabilita' tal-ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni hija usa' minn dik mogħtija għall-istess jedd taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Dan ukoll għaliex l-effetti tal-artikolu tal-Konvenzjoni jistgħu jiddaħħlu fis-seħħ

---

[33] Ara Kost. **29.11.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Lanzon et vs Kummisarju tal-Pulizija***

[34] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *Theory and Practice of the European Convention on Human Rights* (4th Edit, 2006), paġ. 631

dwar stħarriġ ta' lment ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq sa minn qabel mal-każ jitressaq għal smigħ quddiem Ġuri, jekk kemm-il darba jintwera li l-proċediment x'aktarx ikun serjament kompromess b'xi nuqqas ta' tħaris fi stadju bikri ta' xi wieħed mid-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu;

Illi llum il-ġurnata jidher li ma għad fadal l-ebda dubju li, għall-finijiet tal-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni, l-jedd li wieħed ikun mgħejjun minn avukat magħżul minnu nnifsu jew imqabbad għalih b'xejn meta ma jkollux minn fejn iħallas avukat, jibda jgħodd sa minn qabel is-smigħ proprju tal-każ kriminali. Jidher li din it-tifsira ħarġet mill-fatt li ladarba l-ħarsien tal-jedd ta' smigħ xieraq fejn jidħol it-tul taż-żmien ta' kawża taħt l-artikolu 6(1) jgħodd kull stadju tal-proċediment[35], ma jistax jonqos li l-istess firxa tal-artikolu 6 ma tkunx tgħodd ukoll għal dawk il-garanziji minimi li l-persuna suġġetta għall-proċediment kriminali għandha jedd tgawdi taħt is-sub-artikolu (3) tal-imsemmi artikolu. Jidher li l-jedd li persuna tkun mgħejjuna minn avukat imqar waqt il-fażi tal-interrogazzjoni huwa b'rispett għad-dritt li l-ebda persuna ma għandha titħalla jew tkun imġegħla tinkrimina lilha nnifisha;

Illi maż-żmien, it-tħaddim mogħti lil dan is-sub-artikolu fejn jidħol il-jedd ta' assitenza ta' avukat ukoll fil-waqt li l-persuna tkun għadha miżmuma mqar b'suspett ta' twettiq ta' reat jew waqt l-istħarriġ tal-istess reat, u qabel ma jkunu nħarġu kontra tagħha akkużi speċifiċi, twessa' biex jinkludi l-waqt fejn dik il-persuna tkun intalbet u tkun tat stqarrija lill-Pulizija u dan biex jingħata ħarsien "prattiku u effettiv" lill-imsemmi jedd[36]. Dan il-jedd tal-preżenza ta' avukat sa minn dak il-waqt bikri tal-"proċediment" ma jistax jiċċaħħad jekk mhux għal "raġunijiet tajbin"[37] jew jekk il-persuna suspettata nnifisha tirrifjuta li tkun mgħejjuna minn avukat[38]. Jaqa' fuq l-awtorita' pubblika li turi kemm li kien hemm raġuni tajba biex iċċaħħad lil persuna milli tkun mgħejjuna minn avukat u kif ukoll li dik

---

[35] Q.E.D.B. **24.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Imbrioscia vs Svizzera*** (Applik. Nru. 13972/88) § 36

[36] Q.E.D.B. (GC) **27.11.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Salduz vs Turkija*** (Applik. Nru. 36391/02) § 55 li qalbet is-sentenza mogħtija mit-Tieni Sezzjoni fl-**26.4.2007** li ma kinitx sabet ksur tal-art. 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni

[37] Q.E.D.B. (GC) **25.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Murray vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 18731/91) § 63

[38] Q.E.D.B. **23.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Yoldas vs Turkija*** (Applik. Nru. 27503/04) § 51

il-persuna tassew u mingħajr theddid irrinunzjat għal dak il-jedd. Din il-kwestjoni wkoll kienet mistħarrġa b'reqqa mill-ogħla Qorti tagħna m'ilux u din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn terġa' toqgħod ittenni dak li ingħad minn dik il-Qorti aktar milli tirreferi għas-sentenza relativa[39];

Illi dik l-istess sentenza ssemmi wkoll liema huma ċ-ċirkostanzi gravi u eċċezzjonali li fihom wieħed jista' jiġġaħħad milli jkun mgħejjun minn avukat qabel ma jħalli stqarrija bla ma jkun hemm ksur tal-artikolu 6. Magħhom, wieħed iżid ukoll il-każ fejn persuna tkun għażlet li tirreġistra ammissjoni tal-akkużi mressqin kontra tagħha u tħalli l-proċess kollu għaddej bla ma tqanqal ilment dwar it-teħid tal-istqarrija bla għajnuna legali[40]. Jidher li tqajjem dubju wkoll kemm jgħodd l-effett tas-sentenza f'*Salduz* dwar intervisti u dikjarazzjonijiet magħmulin minn persuna quddiem uffiċjali tal-pulizija qabel ma persuna bħal dik tkun għadha suspettata u meħuda taħt il-kustodja tal-istess Pulizija[41];

Illi fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-Avukat Ġenerali jressaq l-argument li l-akkużat għamel l-istqarrijiet minn rajh u li ma kienx imġiegħel jagħmilhom u lanqas wera li kien mhedded b'xi mod. Żied jgħid ukoll li l-akkużat ma kienx persuna taħt l-eta' meta ta l-istqarrijiet u għandu ċertu livell ta' edukazzjoni u esperjenza maniġerjali. Minbarra dan, l-ebda parti miż-żewġ stqarrijiet illi ta ma kienu b'xi mod jinkriminawh. Fuq kollox, żied jissottometti li l-istess Qorti ta' Strasburgu, f'sentenza li tat dan l-aħħar, sabet li mhux kull stqarrija li tittieħed mingħajr ma l-persuna tkun mgħejjuna minn avukat twassal għal ksur tal-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni;

Illi l-Qorti ma jidhrilhiex li l-argumenti tal-Avukat Ġenerali huma tajbin fiċ-ċirkostanzi tal-każ li din il-Qorti għandha quddiemha. Il-każ li jsemmi ma joqgħodx għall-każ tal-lum, u dan għaliex f'dak il-każ l-akkużat (li kien avukat u uffiċjal tal-pulizija) kien minn rajh irrinunzja għall-jedd li

---

[39] Kost. **12.4.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spett. Victor Aquilina) vs Mark Lombardi***

[40] P.A. Kost TM **14.10.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Simon Xuereb vs L-Avukat Ġenerali*** (appellata)

[41] Supreme Court (U.K.) **6.10.2011** fil-kawża ***Ambrose vs Harris (Procurator Fiscal) et*** UKSC 43 (2011) li jidher li tibdel il-fehma meħuda mill-istess imsemmija Qorti fil-kawża ***Cadder vs HM Advocate*** UKSC 43 (2010)

jkun mgħejjun minn avukat waqt li kien qed jiġi interrogat u saħansitra iffirma nota ta' rinunzja f'dan ir-rigward. Fil-każ tal-akkużat Migneco dan ma kienx il-każ. Kemm hu hekk dik il-Qorti qalet li, "*neither the letter nor the spirit of Article 6 of the Convention prevents a person from waiving of his own free will, either expressly or tacitly, the entitlement to the guarantees of a fair trial, as long as a waiver of the right is given in an unequivocal manner and was attended by the minimum safeguards commensurate to its importance*"[42];

Illi, fil-każ tal-lum, kif ingħad, l-akkużat ma irrinunzja qatt li jkun jew jitlob li jkun mgħejjun minn avukat qabel jew f'xi ħin waqt li kien qiegħed jagħmel l-istqarrijiet. Lanqas ma seta' – kieku ried – jinvoka dak il-jedd, għaliex fiż-żmien li ta l-imsemmija stqarrijiet, il-liġi ma kinitx tagħti dak il-jedd (għaliex għalkemm kien hemm dispożizzjoni fil-liġi li tagħti dak ir-rimedju, dik id-dispożizzjoni ma kinitx għadha daħlet fis-seħħ);

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-mod kif ittieħdu l-istqarrijiet tal-akkużat Migneco f'dan il-każ seħħ bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni;

Illi l-mistoqsija li titnissel minn din iċ-ċirkostanza hija x'siwi jibqgħalhom l-istqarrijiet meħudin f'ċirkostanza bħal din u x'jiġri minn proċediment kriminali li matulu titressaq stqarrija bħal dik bħala prova. Il-Qorti hija tal-fehma li, ladarba stqarrija tittieħed minn persuna bla ma jkollha jedd tikkonsulta ma' avukat hija għamil li jikser l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, ma tistax titqies bħala prova tajba u ammissibbli fil-proċediment kriminali li jsegwi t-teħid tagħha. B'daqshekk, ma jfissirx li l-istess proċediment irid jitwaqqaf jew li t-tqegħid ta' stqarrija bħal dik fl-atti tal-kawża jtebba' l-proċess kollu;

Illi huwa minħabba f'hekk li wieħed jifhem għaliex Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali jew konvenzjonali tista' tqis ilment dwar ksur ta' jedd fundamentali għal smigħ xieraq

[42] Q.E.D.B. **15.9.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Paskal vs Ukrajina*** (Applik. Nru. 24652/04) §76

qabel ma jintemm il-proċess kollu, sewwasew biex fattur wieħed deċiżiv li jġib ksur ta' dak il-jedd ma jxejjinx is-siwi tal-proċess sħiħ. Dan qiegħed jingħad fejn il-kwestjoni tas-siwi ta' stqarrija meħuda bla ma l-persuna tkun kisbet l-għajnuna ta' avukat tkun mistħarrġa kemm minn Qorti magħmula minn persuna togata waħedha u wkoll meta l-proċediment ikun quddiem Qorti magħmula minn persuna togata flimkien ma' ġurija. Jgħodd ukoll fejn l-istqarrija ma tkunx il-prova waħdanija li l-Prosekuzzjoni tressaq kontra l-persuna mixlija fil-każ;

Illi hija l-fehma ta' din il-Qorti li, meta jew jekk titressaq bħala prova quddiem qorti ta' ġudikatura kriminali stqarrija magħmula mill-persuna mixlija li tkun saret bi ksur tal-artikolu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni, dik il-Qorti għandha s-setgħa u d-dmir li tqis dwar l-ammissibilita' ta' stqarrija bħal dik jew jekk għandhiex tibqa' tagħmel parti mill-inkartament li jkollha quddiemha u tislet l-effetti u r-riperkussjonijiet li dan jista' jkollu f'każ li dik tkun il-prova waħdanija li tressaq il-prosekuzzjoni fil-każ tagħha[43];

Illi l-**kwestjoni tar-rimedju** marbut mar-riferenza kienet waħda mill-aspetti li ikkaratterizzaw il-biċċa l-kbira tat-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet. L-akkużat jistrieħ fuq dik is-silta tar-rikors tiegħu tat-22 ta' Ġunju, 2011[44], fejn jgħid li din il-Qorti għandha tagħti rimedju billi tordna t-tneħħija taż-żewġ stqarrijiet li huwa għamel. Huwa jgħid li, sakemm l-istqarrijiet tiegħu jitħallew fl-atti tal-Att tal-Akkuża, hemm il-probabbilta' ta' ksur ta' smigħ xieraq, imqar jekk jinġabu għall-għarfien tal-ġurija jew jirreferu għalihom ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni. Jgħid li dan ir-rimedju effettiv f'dan l-istadju jevita li 'l quddiem huwa jkollu jirrikorri għal proċedura oħra ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali, b'ħafna titwil ta' żmien u żieda ta' proċeduri li setgħu kienu evitati[45]. Min-naħa tiegħu, l-Avukat Ġenerali jgħid li din il-Qorti għandha toqgħod mat-termini tar-riferenza magħmula lilha u d-deċiżjoni tagħha dwar jekk kienx hemm jew le ksur ta' xi jedd fundamentali tal-akkużat ikun fih innifsu rimedju xieraq li fuqu l-Qorti

[43] Kost. **12.4.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Supt. Norbert Ċiappara)*** ***vs Esron Pulliċino***
[44] Paġ. 68 tal-atti tar-Riferenza
[45] Nota ta' Sottomissjonijiet, f'paġ. 650 tal-atti tar-Riferenza

Riferenti tkun tista' tirregola ruħha[46], billi tipprovdi r-rimedju effettiv hi – skond is-setgħat tagħha fuq ħwejjeġ li jaqgħu fil-kompetenza partikolari tagħha – skond is-sentenza li tingħata;

Illi kif ingħad aktar qabel, meta l-Qorti ssirilha riferenza minn Qorti Riferenti, hija għandha toqgħod għat-termini ta' riferenza bħal dik. F'dan il-każ, l-ilment ma tqajjimx mill-parti bis-saħħa tal-proċedura mibdija b'Rikors taħt l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 4(1) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Minbarra dan, meta l-Qorti Riferenti ifformulat ir-riferenza tagħha, talbet biss li din il-Qorti tgħid jekk issibx li seħħ xi ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Biex din il-Qorti tqis sewwa din il-kwestjoni, tirreferi għar-regolament 5(1) tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qorti u l-Bon-Ordni[47] li jgħid kif imissha ssir riferenza u x'għandha jkun fiha biex il-Qorti li lilha ssir tkun tista' "tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwestjoni mibgħuta quddiemha"[48];

Illi l-kwestjoni dwar x'għamla ta' rimedju tista' tagħti qorti ta' kompetenza kostituzzjonali ladarba tkun sabet li seħħ ksur ta' xi wieħed mill-jeddijiet fundamentali mħarsa mill-Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni ilha titqajjem quddiem il-Qrati tagħna. Bosta drabi din il-kwestjoni tqum dwar jekk ir-rimedju mistenni mill-parti mġarrba jkunx wieħed li jġib miegħu twettiq ta' setgħa, rimedju jew diskrezzjoni li l-liġi tqiegħed f'idejn Qorti partikolari. F'ċirkostanzi fejn il-ksur instab li kien wieħed li ma kienx rimedjabbli b'xi proċedura oħra, l-Qrati fehmu li r-rimedju jingħata mill-istess Qorti li tkun sabet li seħħ ksur tal-jedd fundamentali[49], ukoll jekk dak ir-rimedju normalment jaqa' fil-kompetenza ta' Qorti oħra;

Illi, madankollu, kif ingħad, "*ir-rimedju taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja huwa rimedju straordinarju. Dan ir-rimedju jingħata biss meta l-liġi ordinarja ma tkunx biżżejjed biex tħares id-drittijiet tal-individwu u għalhekk l-*

[46] Nota ta' Sottomissjonijiet paġġ. 656 – 7 tal-atti tar-Riferenza
[47] A.L. 279 tal-2008 (L.S. 12.09)
[48] Art. 46(3) Kost u 4(3) tal-Kap 319
[49] Ara, b'eżempju, Kost. **12.1.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Stephen Schembri vs L-Avukat Ġenerali***

*istat ikun naqas fid-dmir tiegħu li jħares dawn id-drittijiet. Ir-rimedji taħt il-liġijiet għall-ħarsien tad-drittijiet fondamentali jingħataw biss f'dawk iċ-ċirkostanzi straordinarji, u nkunu qegħdin inwaqqgħu s-siwi ta' dawk id-dispożizzjonijiet jekk ninqdew bihom fejn rimedju taħt il-liġi ordinarja jkun tajjeb u biżżejjed. Fi kliem ieħor, ma tistax tgħid illi l-istat naqas mid-dmir tiegħu li jħares id-drittijiet tal-individwu bis-saħħa tal-ordinament ordinarju qabel ma tkun fittixt li tinqeda bir-rimedji kollha li jagħti dak l-ordinament. Barra minn hekk, il-qrati għandhom ukoll id-dmir li jinterpretaw u japplikaw il-liġi ordinarja b'mod konformi mal-Kostituzzjoni u mal-Konvenzjoni, u jkun biss meta interpretazzjoni bħal dik tkun assolutament u manifestament contra legem, u għalhekk ma tkunx possibbli, li tkun tista' tgħid illi applikazzjoni tal-liġi ordinarja twassal inevitabilment għal ksur tal-jeddijiet fondamentali."*[50] Fil-fehma tal-Qorti, dan jingħad b'aktar qawwa f'każ ta' riferenza minn Qorti oħra meta l-proċedura "ordinarja" tkun għadha tabilfors għaddejja u fejn dik il-Qorti Riferenti jkollha l-gwida tas-sentenza tal-qorti li tkun stħarrġet il-"kwestjoni" kostituzzjonali biex tagħraf timxi fuqha skond is-setgħat speċifiċi tagħha mogħtijin lilha mil-liġi;

Illi fil-każ tal-lum, l-akkużat innifsu jistqarr li għadu fl-istadju li jqajjem eċċezzjonijiet taħt l-artikolu 449(1) tal-Kodiċi Kriminali dwar l-istqarrijiet li ta lill-Pulizija. Minbarra dan, l-ilment tiegħu ta' ksur ta' jedd fundamentali twassal lill-Qorti Riferenti b'mod ċar u fi stadju tal-proċess li b'mod li ma jistax jingħad li huwa ġarrab xi ħsara irrimedjabbli;

Illi fuq dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tara li tista' tagħti t-tweġiba tagħha lill-Qorti Riferenti dwar dan l-aspett partikolari mqanqal mill-akkużat u tistenna li din tagħraf timxi mat-tweġiba hekk mogħtija;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

---

[50] Kost. **16.3.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Morgan Ehi Egbomon vs Avukat Ġenerali***

**Twieġeb għall-kwestjoni riferita lilha mill-Qorti Kriminali** bid-degriet tagħha tas-27 ta' Ġunju, 2011, billi ssib li l-istqarrijiet magħmula mill-akkużat lill-Pulizija fit-28 ta' Lulju, 2004 u fid-29 ta' Lulju, 2004, saru bi ksur tal-jedd fundamentali tal-istess imputat kif imħares bl-artikolu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni, b'rabta mal-artikolu 6(1) tagħha, iżda ma ssibx li l-istess stqarrijiet jiksru xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Għalhekk il-Qorti Riferenti għandha tqis dawn iċ-ċirkostanzi hi u tiżen dwar jekk l-istess stqarrijiet għandhomx jitħallew jitressqu b'xiehda jew jissemmew waqt is-smigħ tal-każ kontra l-akkużat; u

Għalhekk **tordna** lir-Reġistratur sabiex tgħaddi lura l-atti tal-akkuża lill-Qorti Riferenti sabiex dik il-Qorti tkun tista' tiddisponi mill-każ skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------